MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2389/1996/1

**Rita Kelly nee` Myatt**

**vs**

**Steven Kelly**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Gunju 1993 (Dok. "RK1");
Illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal u *di piu`* ghamlu ftit xhur jghixu *de facto* flimkien;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja konjugali, jew id-dmirijiet u obbligi essenzjali taghha jew minhabba

anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu u jadempixxu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk, iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Gunju 1993, huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Kelly tal-15 ta' Marzu 2000 a fol. 21 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa jaqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Gunju 1993 ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi pero` dan minhabba il-fatt illi l-kunsens ta' l-istess attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 21 tal-process;

Rat il-verbali tad-29 ta' Jannar 1998, ta' l-24 ta' Marzu 1998 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghat-2 ta' Lulju 1998, tat-2 ta' Lulju 1998 fejn fuq talba tad-difensur ta' l-attrici, il-kawza giet differita ghat-22 ta' Jannar 1999 ghal informazzjoni ulterjuri; tat-22 ta' Jannar 1999 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-iskop tal-verbali precedenti ghat-22

t'April 1999; tat-22 t'April 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Paula Mifsud Bonnici sabiex tigbor il-provi u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Lulju 1999; tas-6 ta' Lulju 1999 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-24 ta' Jannar 2000; ta' l-24 ta' Jannar 2000 fejn il-Qorti tissostitwixxi l-inkarigu tal-Perit Legali lil Dr. Sandra Sladden u l-kawza giet differita ghar-rapport; tas-7 ta' Novembru 2000; ta' l-20 ta' Frar 2001; tad-19 ta' Settembru 2001; tat-13 ta' Novembru 2001;  u tad-19 t'Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Marzu 2003.

Rat l-avviz tat-22 ta'Jannar 1999 fejn il-kawza giet differita biex tinstema` minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna;

Rat in-nota ta' l-attrici Rita Kelly tat-18 ta' Marzu 1999 li biha esebixxiet l-affidavit taghha stess;

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Paula Mifsud Bonnici ta' l-24 ta' Jannar 2000, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevokalha l-inkarigu ghaliex ma setghetx tkompli taqdi l-inkarigu lilha moghti minhabba n-natura tal-professjoni taghha;

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden tas-6 ta' Marzu 2000, ta' l-4 t'April 2000 fejn xehdet omm l-attrici, Bibiana sive Vivienne Myatt, tat-12 t'April 2000 fejn xehdu missier l-attrici, Henry Myatt, u l-kugina ta' l-attrici, Antoinette Myatt; tal-11 ta' Mejju 2000 fejn xehdet il-kugina ta' l-attrici, Helen Caruana; tas-26 ta' Gunju 2000; tad-9 t'Ottubru 2000; tas-27 t'Ottubru 2000 fejn xehdu Isabelle Pulis u l-attrici; tal-21 ta' Novembru 2000 fejn xehed il-konvenut;  u tal-5 ta' Dicembru 2000 fejn il-partijiet qablu li ma fadlilhomx aktar provi;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Sandra Sladden li kien ipprezentat fit-13 ta' Settembru, 2001;

Rat id-digriet tat-12 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema` minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Raymond C. Pace;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha stess, l-attrici **Rita Kelly**, ssostni:-

*"Illi jiena u l-konvenut domna biss sena nghixu flimkien. Circa sena wara z-zwieg ahna sseparajna permezz ta' kuntratt notarili. Ghalkemm domna xi hames snin gharajjes, tul l-gherusija ma kienx jidher li kellna problemi u kienet wahda normali. Konna nahsbu biex nizzewgu u nixtru dak kollu li kien ser ikollna bzonn fiz-zwieg. Qabel iz-zwieg kien anke jkollna relazzjonijiet sesswali li komplew b'mod normali sa l-ewwel sena taz-zwieg taghna. Jien kont u ghadni nahdem u l-istess il-konvenut.*

*Illi matul iz-zmien li konna nghixu flimkien nista` nghid li ftit li xejn konna niltaqghu pero` jiena kont nahseb li kollox sewwa, ghalkemm fl-ewwel ftit xhur jiena ridt it-tfal u l-konvenut ma riedx. Precizament wara sena zwieg gie u nfurmani li ma riedx jaf iktar bija u dan b'hasda kbira ghalija ghaliex jiena ma stajtx nifhem ghaliex. Kelli naccetta r-realta` u allura itterminajna ghal kollox il-hajja matrimonjali. Wara sitt xhur beda johrog ma' wahda, certu Isabelle Pulis, li kien jaf qabel iz-zwieg u minnha diga` ghandu tarbija. Minn ghandi ma ried ebda tfal."*

### II) RAPPORT TAL-PERIT LEGALI.

Illi **l-attrici** xehdet permezz tas-segwenti: (i) tad-dikjarazzjoni taghha fil-kawza odjerna guramentata fis-17 ta' Lulju 1996 (ii) permezz ta' l-affidavit taghha stess datata 18 ta' Marzu 1999, (iii) fis-seduta tal-4 ta' April 2000 fejn xehdet Bibiana known as Vivienne Myatt; (iv) fis-seduta tat-12 ta' April 2000 fejn xehdu Henry Myatt u Antoinette Myatt (v) fis-seduti tal-11 ta' Mejju 2000 fejn

xehdet Helen Caruana (vi) fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2000 fejn xehdu Isabelle Pulis u l-attrici.
**Il-konvenut** xehed permezz tas-segwenti: (i) tad-dikjarazzjoni tieghu fil-kawza odjerna guramentata fil-15 ta' Marzu 2000 (ii) fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2000 fejn xehed il-konvenut.

## III) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni l-attrici qalet illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mposibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u konsegwentement z-zwieg huwa null, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqara hekk kif gej:-

*"19(1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg o meno taht dan l-artikolu.

Illi ghar-rigward ta' l-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** mill-provi migbura jirrizulta illi l-kontendenti fl-ebda mument ma kkunsidraw bis-serjeta il-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Wara kwazi hames snin ta' gherusija, iz-zwieg dam biss sena! Dr. Abigail Attard, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature**

**in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga. Fil-kaz in dezamina, il-kontendenti kellhom gherusija ta' kwazi hames snin u kienet wahda normali u kienu jqattghu hafna hin flimkien. L-gherusija felici giet ikkonfermata kemm mill-genituri ta' l-attrici kif ukoll minn familjari ohra ta' l-attrici li jghidu li kienu jidhru ferhanin hafna flimkien u li kienu jinhabbu.

Illi pero`, minn naha tieghu, il-konvenut xehed illi *"Jien ridt nizzewweg biex nissetilja. Izzewwigt ghax kien il-pass li jmiss wara erba (4) snin gherusija u mhux ghax kont konvint miz-zwieg."* Fil-fatt Isabelle Pulis, li hija t-tfalja attwali tal-konvenut u li minnha ghandu zewgt itfal, tghid illi meta iltaqat mieghu go bar f'Paceville, ftit wara li ssepara, kien jiftah qalbu maghha u kien ighidilha li lill-attrici kien jaraha bhala habiba u mhux bhala namrata. Kien jghidlha li fiz-zwieg tieghu ma kienx hemm direzzjoni u kien hemm apatija.

Illi l-konvenut gej minn familja separata u ghalhekk fl-attrici sab il-wens. Di piu`, fil-familja ta' l-attrici sab ukoll familja, dik il-familja li hu ma kellux. Fil-fatt kemm il-kontendenti u anki il-genituri ta' l-attrici jghidu li l-konvenut kien dejjem id-dar taghhom, jorqod hemm, jinhasel hemm u prattikament jghix hemm. Fl-opinjoni tal-Qorti, u hawn taqbel ma' dak li rrelatat il-brava Perit Legali, din kienet l-unika raguni tal-konvenut biex jizzewweg - ried l-istabilita`.

Illi fil-fatt, il-konvenut stess jghid li hu u l-attrici ftit li xejn kienu jqattghu hin wahedhom waqt l-gherusija ghax kienu dejjem mal-genituri ta' l-attrici. Donnu il-konvenut kellu dubju dwar dan iz-zwieg peress illi xi xahar qabel ma zzewweg ried ihassar kollox ghax kien inqala` l-inkwiet fuq

il-*bachelor's party*. Pero` xehed illi kellu hafna pressjoni minn ommu u mill-genituri ta' l-attrici li qalulu biex ma jaqlax inkwiet ghax issa kien kollox lest.

Illi in verita` hekk kif izzewgu l-affarijiet mill-ewwel urew li z-zwieg ma kienx sejjer tajjeb. Rari kienu jqattghu hin flimkien peress illi t-tnejn li huma kienu jahdmu u l-konvenut kellu wkoll *part-time job* u kien jilghab il-*football*. Il-konvenut xehed illi meta kienu jkunu flimkien id-dar, l-attrici kienet titla` torqod u hu kien joqghod jara t-television. Ma kienux jikkomunikaw u ma kenux jiddiskutu l-hajja mizzewwga u l-futur. Il-konvenut jghid hekk:

*"Lill-attrici ma kontx inqisa bhala marti izda aktar bhala habiba tieghi. Jien qatt ma kelli l-hsieb li nrabbu familja flimkien. …. Konna hadna lil xulxin 'for granted' fis-sens illi insibu lil xi hadd id-dar…. Nghid illi bejnietna ma kienx hemm imhabba ta' namrati izda ta' hbieb."*

Illi l-attrici, minn naha taghha tghid hekk:

*"Jien nghid illi fis-sena li ghamilna flimkien, it-tnejn konna qbilna li ma rridux tfal peress illi konn nhossu illi z-zwieg kien fjakk. It-tnejn konna hadna lil xulxin 'for granted'. Ghalkemm kont nixtieqlu hafna gid jien ma kontx inhobbu bhala r-ragel tieghi u ma kienx hemm passjoni bejnietna. Kont narah bhala habib u mhux bhala ragel."*

Dr. Abigail Attard fit-tezi taghha **"Grounds of annulment of marriages with special reference to defects of a psychological nature in the light of the 1981 amendments to the marriage act, 1975",** tghid hekk (p.59):

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism…..immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality……Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either*

*has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage….Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity….."*

Illi l-istess Abigail Attard quotes from **G. Veness,** as quoted by N. Picard in **'l'immaturite' et le consentement matrimonial (pg. 54-55**) the following:

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi llum l-konvenut ghandu zewgt itfal minn certu Isabelle Pulis, li kif ghedt aktar il-fuq, xehdet fil-kawza odjerna. Il-konvenut beda johrog maghha xi sitt xhur wara li telaq lill-attrici. Il-konvenut ighid hekk dwar din ir-relazzjoni:

*"Illum ghandi relazzjoni ohra u ghandi tarbija u llum naf xi tfisser imhabba vera bejn mizzewgin u naf xi jfisser komunikazzjoni bejn mizzewwgin. Illum wara x-xoghol inkun herqan biex immur lura id-dar filwaqt li fiz-zwieg ma' l-attrici kont dejjem nara kif ser inkun barra id-dar."*

Illi l-attrici wkoll ghandha relazzjoni ma' terzi u ilha mieghu cirka hames snin. L-attrici tghid hekk:

*"….illum nirrejalizza li r-relazzjoni mal-konvenut kienet aktar wahda ta' hbiberija milli relazzjoni ta' zwieg. Mal-konvenut qatt ma ppjanajna ghal futur u qatt ma konna 'looking forward' ghall-futur mentri llum ghandna hegga u pjanijiet ghall-futur."*

Illi dawn l-osservazzjonijiet tal-kontendenti, ghalkemm qed isiru xi seba` snin wara li tfarrak iz-zwieg, jikkonfermaw

dak li esprimiet din il-Qorti aktar ‘l fuq u cjoe` li r-relazzjoni kienet wahda ta’ hbiberija u mhux ta’ namrati. Fl-gherusija qatt ma kien hemm analazi serja u matura ta’ x’inhu z-zwieg u xi jgib mieghu z-zwieg. Ghall-konvenut, l-attrici u l-familja taghha kienu mezz ta’ stabilita f’hajtu peress ili kien gej minn ‘background’ instabbli. Izzewweg ghax kien il-pass li jmiss u mhux ghax kien konvint miz-zwieg. Qatt ma kellu hsieb li jrabbi familja ma’ l-attrici. Min-naha taghha, ghall-attrici, ghalkemm kienet kuntenta mal-konvenut u kienet tixtieqlu l-gid, ma kellhiex il-kapacita tirrejalizza li ma kienitx relazzjoni li kellha twassal ghal zwieg. Dan kollu kien frott ta’ mmaturita serja fil-kontendenti, li kienu dahlu ghaz-zwieg b’mod legger.

Illi fix-xhieda migbura hemm hafna referenza ghall-fatt illi l-kontendenti ma kellhomx tfal. L-attrici, fic-citazzjoni taghha ma taghmel l-ebda referenza ghall-**artikolu 19(1f) tal-Kap 255**, pero` l-Qorti ser tghaddi biex tezamina din ic-cirkostanza. Il-genituri u familjari ta’ l-attrici kollha xehdu illi fis-sena li l-kontendenti ghamlu mizzewwgin, l-attrici kemm il-darba ilmentat illi ghalkemm hi trid tfal, il-konvenut ma jridx. Dan gie ikkonfermat ukoll mill-attrici fl-affidavit taghha. Fil-kontro-ezami taghha, l-attrici ikkonfermat illi hi kienet tghid lill-genituri taghha li l-affarijiet mhux sejrin tajjeb ghax il-konvenut ma riedx tfal. Pero` xehdet illi din kienet biss skuza u mhux il-verita. Qalet illi kienet tisthi tghid lill-genituri taghha l-verita` u cjoe` li kien proprju wara z-zwieg li indunat li m’humiex tajbin ghal xulxin bhala mizzewwgin izda biss bhala hbieb. L-attrici xehdet ukoll illi hi u l-konvenut kienu qablu li ma jkollhomx tfal ghax iz-zwieg kien fjakk.

Illi dan ir-rifjut tal-kontendenti li jkollhom it-tfal huwa mankament serju da parti taghhom fil-konfront tal-hajja mizzewwga. Pero`, biex din ir-raguni tkun wahda sostenibbli taht **is-sub-inciz (f) ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255**, dan il-hsieb tal-kontendenti jrid ikun ikkondizzjona l-kunsens taghhom fil-mument taz-zwieg. Irid jigi ppruvat li l-kontendenti taw l-kunsens taghhom u dahhlu ghaz-zwieg fl-istess waqt illi internament eskludew il-prokreazzjoni tat-tfal, bla dubju element essenzjali tal-hajja mizzewwga. Il-kontendenti ma rnexxilhomx

jippruvaw li dan is-sentiment, din ir-rieda negattiva, kienet tezisti minn qabel iz-zwieg u fil-mument li l-kontendenti taw il-kunsens taghhom.

Illi ghalhekk, mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija Qorti thoss u tiddeciedi li jezisti verament in-nullita` taz-zwieg in ezami skond **is-sub-inciz (d) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255** , u cjoe` li l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' dak fuq premess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess hija nkompatibbli ma' dak fuq ritenut u hawn deciz u tilqa' t-talba attrici b'dan illi:-

(1). Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Gunju 1993, huwa null u bla effett *ai termini* ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------